MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1949/2002

**Deloitte & Touche Services Limited**

**vs**

**Davison Properties Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Awissu, 2002, fejn intalab il-hlas ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), dovuta skond fattura datata 23 ta' Lulju, 1998, in konnessjoni ma' servizzi provduti ghar-rigward tar-registru ta' l-azzjonisti kif ukoll zamma ta' "minute book" socjetarju favur is-socjeta` konvenuta, liema somma ghad mhux imhallsa u dan minkejja li giet rikonoxxuta bhala dovuta (ara Dok.A);**
**Kopja tal-fattura hawn fuq indikata hija annessa u mmarkata bhala Dok.B mal-avviz;**

**Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra nterpellatorja datata 29 ta' Jannar, 2002 (Dok.C) kif ukoll bl-imghaxijiet mid-data tal-hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Luigi Sansone ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Lulju, 1998.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 29 ta' Jannar, 2002 ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**